MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tal-25 ta' Jannar, 2011

Citazzjoni Numru. 618/2008

Olga **CARUANA** u b'degriet tal-1 ta' Ottubru, 2008, l-atti għaddew f'isem Monica Abela minħabba l-mewt ta' l-attriċi Olga Caruana; u b'degriet tas-16 ta' Ottubru, 2008, M.L.T. International Properties Limited assumiet l-atti tal-kawża minflok Monica Abela

vs

George **GAUĊI**

**Il-Qorti:**

Dan huwa provvediment dwar talba magħmula mill-avukat difensur tal-imħarrek waqt is-smigħ tat-13 ta’ Ottubru, 2009[1], li bih talab li l-Qorti tħassar *contrario imperio* d-degriet li hija tat fis-16 ta’ Ottubru, 2008[2], fuq talba ta’ M.L.T. International Properties Holdings Limited biex titħalla tidħol fil-kawża minflok Monica Abela li, min-naħa tagħha, kienet daħlet fil-kawża minflok l-attriċi Olga Caruana wara l-mewt tagħha waqt li l-kawża kienet bdiet tinstema’;

Tqis li l-imħarrek jimmotiva t-talba tiegħu fid-dawl tal-fatt li jqis li l-assunzjoni tal-atti tal-kawża min-naħa tal-imsemmija kumpannija mħarrka hija irregolari;

Tqis li f’Ġunju tal-2008, Olga Caruana fetħet din il-kawża kontra l-imħarrek biex iġġib dikjarazzjoni li t-testment magħmul minn żewġha Gerald Caruana fit-13 ta’ Novembru, 2007, tlitt ijiem qabel mewtu, u li fih kien ħalla lill-imħarrek bħala l-werriet waħdien, ma kienx jiswa għaliex tgħid li kien sar bit-theddid u b’qerq min-naħa tal-istess imħarrek;

Tqis li l-attriċi Olga Caruana mietet fit-13 ta’ Awissu, 2008[3], qabel ma l-kawża kienet bdiet tinstema’ u wara li l-imħarrek kien ressaq it-Tweġiba Maħlufa tiegħu x-xahar ta’ qabel;

Tqis li, fl-24 ta’ Settembru, 2008[4], saret kitba bejn l-attriċi Monica Abela u zijuha l-imħarrek George Gauċi, li biha hija aċċettat li t-testment ta’ Gerald Caruana tat-13 ta’ Novembru, 2007, kien jgħodd, li hija kellha tidħol f’din il-kawża minflok zitha Olga Caruana u ċċedi l-kawża, u ittransiġew kull vertenza oħra bejniethom minħabba l-istess kawża;

Tqis li l-attriċi Monica Abela, neputija tal-imsemmija Olga Caruana, ressqet talba fil-25 ta’ Settembru, 2008, biex hija

[1] Paġ. 100 tal-proċess
[2] Paġ. 87 tal-proċess
[3] Dok “A1”, f’paġ. 38 tal-proċess
[4] Dok “X1”, f’paġġ. 92 – 3 tal-proċess

tidħol fil-kawża minflok zijitha l-attriċi, liema talba ntlaqgħet b'degriet ta' din il-Qorti fl-1 ta' Ottubru, 2008[5];

Tqis li fl-1 ta' Ottubru, 2008[6], l-attriċi Monica Abela resqet għall-pubblikazzjoni ta' kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Rosalyn Aquilina, li bih assenjat lill-kumpannija M.L.T. International Properties Holdings Limited l-jeddijiet kollha tagħha fuq il-wirt ta' zitha Olga Caruana u kif ukoll id-drittijiet litiġjużi kollha f'din il-kawża, u dan bil-kundizzjonijiet kollha hemm imfissra u kontra ħlas ta' sebat elef euro (€ 7,000) bħala korrispettiv;

Tqis li l-ftehim bejn l-attriċi Monica Abela u l-imħarrek kien jantiċipa li hija tidħol f'din il-kawża, kif fil-fatt għamlet l-għada ta' dak il-ftehim, għalkemm jidher li dan kellha tagħmlu biex tkun f'qagħda li mbagħad iċċedi l-kawża;

Tqis li l-attriċi baqgħet ma ċedietx il-kawża u, sa dak inhar li resqet għall-kuntratt tal-assenjazzjoni tal-jeddijiet tagħha fuq il-wirt ta' zitha u tad-drittijiet litiġjużi tagħha f'din il-kawża, kellha interess ġuridiku f'din il-kawża u wkoll setgħet tiddisponi mill-jeddijiet tagħha dwarha;

Tqis li mix-xhieda mismugħa[7] dwar dan l-episodju, joħroġ ċar li Monica Abela sabet ruħha f'taqbida ta' interessi qawwija bejn persuni li llum jikkostitwixxu l-partijiet f'din il-kawża, b'affarijiet isiru waħda f'waħda u b'ħeffa sabiex il-partijiet interessati ma jinqatgħux mit-tiġrija għall-wirt;

Tqis ukoll li, sa ma din il-Qorti tat id-degrieti tagħha tal-1 ta' Ottubru, 2008 u dak tas-16 ta' Ottubru, 2010, il-ftehim tal-24 ta' Settembru, 2008, bejn Monica Abela u l-imħarrek ma kienx fl-atti tal-kawża u l-Qorti ma kienet taf xejn dwar l-eżistenza tiegħu;

Tqis li l-fatt li Monica Abela daħlet għall-ftehim li ċċedi l-kawża ma huwiex, fil-fehma tal-Qorti, raġuni tajba fiha nnifisha biex iġġib mingħajr siwi l-kuntratt pubbliku li hija għamlet fl-1 ta' Ottubru, 2008, u dan mingħajr ħsara għal

---

[5] Paġ. 50 tal-proċess
[6] Dok "C", f'paġġ. 84 – 6 tal-proċess
[7] Xhieda ta' Monica Abela 21.1.2010 u ta' Dunstan Williams 4.5.2010, f'paġġ. 101 sa 125 u 127 sa 138 tal-proċess

kull rimedju li jista' jkollu l-imħarrek kemm dwar is-siwi tal-istess kuntratt debitament insinwat u kif ukoll għal xi raġuni oħra mnissla minn xi ksur ta' ftehim min-naħa tal-istess monica Abela;

Tqis li fil-qies li trid tieħu din il-Qorti dwar it-talba tal-imħarrek biex tħassar *contrario imperio* d-degriet li bih daħħlet fil-kawża lill-kumpannija M.L.T. International Properties Holdings Limited, hija trid tħares biss lejn l-aspett formali tal-proċeduri meħuda u toqgħod b'seba' għajnejn li ma tagħmel l-ebda kumment jew osservazzjoni dwar xi mertu tal-każ, ladarba l-kawża għadha fi stadju bikri;

Tqis li l-provvediment li l-imħarrek irid li din il-Qorti tħassar *contrario imperio* kien wieħed interlokutorju u ma jagħmilx ġudikat għall-Qorti b'mod li tista' titbiegħed minnu jekk kemm-il darba tingħatalha raġuni tajba biex tagħmel dan[8];

Tqis, madankollu, li Monica Abela saż-żmien rilevanti baqgħet ma ressqitx in-nota ta' ċessjoni li ftiehmet li tressaq u llum ma tistax tressaqha aktar ladarba laħqet assenjat l-interessi li kellha f'din il-kawża lill-kumpannija msemmija. Hekk ukoll ma jistax jingħad li, meta l-imsemmija kumpannija talbet li titħalla tidħol fil-kawża bis-saħħa tal-artikolu 810A tal-Kap 12, kienet qiegħda teżerċita jedd li, fl-istat li kienu fih l-atti tal-kawża, kellha jedd tagħmel;

Tqis għalhekk, li ma nġabitx mill-imħarrek raġuni tajba biex din il-Qorti tħassar *contrario imperio* d-degriet tagħha tas-16 ta' Ottubru, 2008;

Għal dawn ir-raġunijiet, tiċħad it-talba tal-imħarrek u tordna t-tkomplija tas-smigħ tal-kawża;

**< Sentenza In Parte >**

[8] Art. 230 tal-Kap 12

---------------------------------TMIEM---------------------------------